**Isem:-** ________________________________________ **Klassi:-** ____________________

# Kapitlu 1 – Pjan għas-Sajf

## Lessiku

**Fisser jew sib kelma oħra għal dal-kliem li ġejjin:-**

1. fabbli (p. 5, l. 17) - ____________________________________________________
2. jaspira (p. 6, l. 9) - ____________________________________________________
3. bieżla (p. 6, l. 22) - ____________________________________________________
4. biswit (p. 7, l. 1) - ____________________________________________________
5. ħesrem (p. 7, l. 36) - ____________________________________________________
6. minquxa (p. 8, l. 23) - ____________________________________________________
7. ħoġor (p. 9, l. 19) - ____________________________________________________
8. btajjel (p. 9, l. 24) - ____________________________________________________
9. iħirsa (p. 10, l. 4) - ____________________________________________________
10. inkwina (p. 12, l. 11) - ____________________________________________________
11. mewġa taħraq (p. 12, l. 13) - ____________________________________________
12. jitħarrku (p. 13, l. 2) - ____________________________________________________
13. miżgħuda (p. 18, l. 21) - ____________________________________________________
14. imnaffrin (p. 18, l. 24) - ____________________________________________________

# Idjomi

**Fisser dawn l-idjomi:-**

1. ħomor nar (p. 5, l. 8) - ____________________________________________
2. oħroġ il-għaġeb (p. 5, l. 21) - ____________________________________________
3. jagħmel għajb (p. 6, l. 8) - ____________________________________________
4. tmidd idejha (p. 6, l. 18-19) - ____________________________________________
5. biċ-ċiera (p. 7, l. 27) - ____________________________________________
6. jġibulek għajnejk wara widnejk (p. 8, l. 31; p. 9, l. 1) - ______________________

____________________________________________________________________

7. kellha biex tbigħ (p. 9, l. 2) - ____________________________________________
8. jiem tad-deheb (p. 9, l. 10) - ____________________________________________
9. xott (wisq fl-ideat) (p.9, l. 12) - ____________________________________________
10. tal-ġbid tas-saqajn (p. 10, l.25) - ____________________________________________
11. xempju u l-għira ta' kulħadd (p. 11, l. 12) - ______________________________

____________________________________________________________________

12. dak benfatt (p. 12, l. 1) - ____________________________________________

# Qwiel

**Fisser dan il-qawl:-**

Kelb rieqed la tqajmux (p.10, l.25) -

____________________________________________________________________

## Mistoqsijiet

1a. Min huma l-karattri ewlenin ta' din l-istorja? Ikteb isimhom skont l-ordni ta' kif twieldu.

______________________________________________________________________________

1b. Kemm għandhom żmien?

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________

1ċ. Għid għal min qegħdin jirreferu dawn id-deskrizzjonijiet:

a. ġeneruż, fabbli, mqarqaċ, maħbub, ferrieħi, intelliġenti - ________________

b. qalil, twajjeb, avventuruż, ambizzjuż - _______________

ċ. bieżla, imqarba, rasha iebsa, brava, għaqlija - _____________

2a. X'tip ta' relazzjoni kellhom bejniethom l-aħħar tnejn:

a. kienu jaqblu u jiftiehmu ħafna bejniethom;

b. kienu jikkonfoffaw flimkien kontra Ray;

ċ. kienu jiġġieldu ħafna bejniethom?

2b. Liema espressjoni qiegħda turik dan?

______________________________________________________________________________

3a. X'jisimhom il-ġenituri ta' dawn it-tfal?

______________________________________________________________________________

3b. X'jaħdmu?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

4a. X'inhi Cindy?

a. kelba;

b. qattusa;

ċ. xadina;

d. għasfur?

4b. Cindy kienet kwieta jew imqarba? Liema żewġ sentenzi qegħdin juruk dan?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

4ċ. Semmi preġju ta' Cindy.

_______________________________________________________________________________

4d. Semmi difett ta' Cindy.

_______________________________________________________________________________

5. Liema minn dawn is-sentenzi huma **veri (v)** u liema huma **foloz (f)**? Irranġa dawk li huma foloz.

a. Għal dan is-sajf, Karmen tixtieq li ma jqattgħuhx quddiem kompjuter iżda jmorru f'post fejn jistgħu jgawdu l-ambjent tipiku Malti. ______

_________________________________________________________________

b. It-tliet aħwa ddeċidew li jmorru għand iz-zija Mari. ______

_________________________________________________________________

ċ. Il-brama kienet gidmet lil Mark f'wiċċu. ______

_________________________________________________________________

d. L-aħwa lkoll flimkien ħejjew ikla għall-ġenituri tagħhom bl-iskop li jikkonvinċuhom bil-pjan illi fasslu. ______

________________________________________________________________

e. Il-ġenituri tagħhom ma tawhomx il-permess illi xtaqu u għalhekk kienu mdejqin ħafna. ______

________________________________________________________________

________________________________________________________________

f. Dakinhar it-tfal raqdu kmieni ħafna għax kienu għajjenin. ______

________________________________________________________________

# Taqsira

**Imla l-vojt:-**

Din l-istorja ħelwa tirrakkuntalna kif se jqattgħu l-____________________ tas-sajf tagħhom tliet _______________. Il-kbir jismu _______________, il-_______________ jismu Mark u ż-żgħira jisimha _______________.

Ray għandu _______________ sena u huwa _______________ twajjeb ħafna u ____________________. L-aspirazzjoni tiegħu hija li jilħaq _______________. Fil-fatt jikkollezzjona l-_________________ tat-tobba u xi kultant il-_________________ tiegħu jixtrulu xi _________________ biex jesperimenta bihom.

Mark għandu __________________ sena. Huwa tfajjel ____________________ , ___________________ u _____________________ sewwa. L-iskola kulħadd iħobbu għax huwa wkoll ______________________ u _________________________ u jħobb jitħallat ma' kulħadd. Iżda fis-sajf _____________________ iżjed.

Dawn it-tliet ___________________spiċċaw l-iskola u issa qegħdin jiftiehmu fuq kif se jqattgħu sajf ____________________ minn ta' qablu li ma tantx kien ________________ tajjeb għax kienu ___________________ l-fanal tal-karozza ta' ______________________.

Tispikka ħafna r-______________________ ta' bejn ___________________ u ____________________ li ma tantx hija waħda paċifika għax ______________________ ħafna bejniethom qishom _________________ u ______________________. Huhom ________________ dejjem jara kif se ________________________ l-argumenti ta' bejniethom għax jaf illi t-tnejn illi huma għandhom ____________________ __________________ ħafna daqs iż-_____________________.

Għandhom _______________ mhux tas-soltu, _______________________ li jisimha Cindy. Din ukoll hija _______________________ ħafna. Hija xadina ___________________ b'ħafna kuluri, bi mneħirha ___________________________ 'il fuq u għajnejha _____________________ bil-qilla.

F'dik il-____________________ sħuna ħafna, it-tliet aħwa jirnexxilhom ____________________ li dan is-sajf ma jqattgħuhx quddiem il-_______________________ iżda jmorru xi mkien fejn jistgħu jgawdu l-__________________________ tipiku ___________________. Qatgħuha li jmorru s'għand iz-_________________ _______________ għax jgħix f'post _______________________ minn kollox u wkoll peress li huwa raġel _____________________, ituh _______________ ta' __________________.

Kien jifdal li jikkonvinċu lill-_______________________ tagħhom. _________________ Elizabeth hija __________________________ l-bank u missierhom ______________________ jaħdem ġo ________________________ tal-_______________________. Għalhekk, sabiex iwittu t-triq, iddeċidew li ______________________ l-ikla ta' nofsinhar. Il-_______________ ħadem tassew għax iż-żewġ ġenituri _____________________ li jagħtu l-_______________________ lil uliedhom li jmorru għand iz-ziju Pawl. It-tliet aħwa tgħidx kemm ____________________ u dak il-lejl ma setgħux jorqdu bl-__________________________ li kellhom fuqhom.